minn Tonio Farrugia

# MALTA FOOTBALL LEAGUE 1949-50 (il-Ħames Parti)




Freddie Church ta' Hibernians jipprepara biex jidħol fil-post tal-goalkeeper, Johnnie Formosa, wara li dan tkeċċa wara li ta bis-sieq lil Ninu Calleja ta' Sliema Wanderers – 22.01.1950

## Floriana champions wara nuqqas ta' 13-il sena

## Hibernians isofru sitt telfiet konsekuttivi

## Leli Pace isir l-aqwa skorer b'erba' goals fl-aħħar partita

### Il-Ħames Ġurnata

**26-11-1949**
**Hamrun S. – Sliema Wanderers 4-1**
**H.T 2-0**
Ref: Capt. A. Podestà
Skurjaw: Ż. Sciberras (HS) 6', Ġ. Bennetti (HS) pen. 41', T. Nicholl (S) 5-', R. Vassallo (HS) 55' u L. Agius (HS) 75'.

**Hamrun S.:** Kelinu 'Boqqa' Aquilina, Salvu Azzopardi, Fredu Preca, Ġużi Bennetti, Joe Zammit, Toni 'Rumba' Dimech, Leli 'Ta' Giorgia' Agius, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Oscar Gatt, Romeo Vassallo, Żużu 'Qomos' Sciberras.

**Sliema Wanderers. FC:** Lolly Rizzo, Emmanuele 'Dijju Borg, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Gejtu 'Gaga' Sacco, Lieut. Sonny Borg Cardona, Tony Bellia, Ninu Calleja, Maurice Walsh, Tony Nicholl, Jimmy McCormick, Ġużi 'Labre' Camilleri.

1. Ġranet qabel il-partita, Sliema Wanderers. kienu pprotestaw mingħajr suċċess kontra l-appuntament tar-referee Capt. A. Podestà. Il-Wanderers kienu pprotestaw li l-Kaptan Podestà ma kienx referee kkwalifikat kif jitolbu r-regolamenti. Podestà kien wieħed mir-referees ta' emerġenza li bdiet tuża' l-MFA minħabba l-istrajk tar-referees. F'mossa oħra ta' emerġenza l-MFA kienet bagħtet telegramma lir-referee internazzjonali Skoċċiż Peter Craigmyle biex jiġi jikkontrolla huwa wkoll. Ir-referee Skoċċiż kien wasal Malta fl-ewwel ta' Diċembru, 1949, u mill-ewwel tefa' r-riżenja tiegħu minn President Onorarju tal-Malta Refrees Association.

**27-11-1949:**
**St.Andrew's FC – Birkirkara Utd. 2-0**
**H.T 0-0**
Ref: Capt. A. Podestà
Skurjaw: F. Scifo (St. And.) 69' u N. Calleja (St. And.) 75'.

**St.Andrew's FC:** Salvu Spiteri, Salvu Mejlaq, Piju Camilleri, Pullu Zarb, Emmanuel Portelli, Joe Bonnici, George Flask, Ġużi Formosa, Joe Camilleri, Frans Scifo, Nenu 'Virgandin' Calleja.

**Birkirkara Utd.:** Mifsud, Ġenju Pace, Anthony Bonnett, Ġużi Cuschieri, Ġużi Grech, J. Camilleri, Ugo Bruno, Joe Cassar, Frankie Tabone, Ġużi Pace, Alfred Lanzon.

1. Il-plejer kowċ ta' Birkirkara Frankie Tabone, li l-pożizzjoni solita tiegħu kienet dejjem ta' difensur, għal din il-partita lagħab bħala attakkant minflok Ġużi Pisani li kien sospiż.

**03-12-1949:**
**Floriana FC – Valletta FC 2-0**
**H.T 1-0**
Ref: Peter Craigmyle
Skurjaw: H. Herbert (F) 24' u L. Borg (F) 48'.

**Floriana FC:** Ġużi Alamango, Lolly Debattista, Leli Zammit, Joe 'Tichy' Grech, Tony Dalli, Tony Vella, Charlie 'Grioss' Azzopardi, Victor Farrugia, Harold Herbert, Lolly Borg, Pullu 'Koku' Demanuele.

**Valletta FC:** Charles Camilleri, J. Muscat, Ġużi 'Dudu' Mallia I, Victor Bonello, Leli 'Goway' Curmi, Nenu 'Rubinu' Zammit, Leli 'Pesa' Pace, Ġużi Vassallo, Ċensu Muscat, Willie Bennetti, Charlie 'In-Najsu' Bennetti.

1. Wara assenza ta' sentejn mix-xena tal-football lokali, ir-referee internazzjonali Skoċċiż Peter Craigmyle reġa' kkontrolla partita tal-kampjonat Malti. Huwa għannaq miegħu lill-captains taż-żewġ timijiet qabel il-partita.

2. Irritorna wkoll wara assenza ta' sentejn il-plejer Willie Bennetti li ddebutta mat-tim ta' Valletta FC. Bennetti kien ġie sospiż wara li kien attakka lir-referee Jarvis wara s-suffara finali tal-konfront bejn Floriana FC u Hibernians FC tal-15 ta' Novembru, 1947. Huwa kien ġie trasferit ma' Valletta ġranet qabel din il-partita hekk kif kienet ser tintemmlu s-sospensjoni.

3. Il-goalkeeper Camilleri, li għal din il-partita lagħab minflok l-imweġġa' Wenzu Gabarretta, informa lill-klabb Belti li ma kienx ser jilgħab iktar magħhom wara li ħassu offiż bil-kummenti tal-partitarji Beltin fuq il-wirja li huwa kellu. Kien missier il-goalkeeper li għadda l-messaġġ lill-kowċ Belti. Minkejja li Harry Tedder infurmah li Valletta ma kellhomx x'jaqsmu mal-kummenti tal-partitarji l-goalkeeper xorta waħda rrifjuta li jkompli jilgħab mall-klabb. Camilleri aktar tard ġie sospiż mill-klabb Belti minħabba li ma niżilx iktar.

It-tim ta' Valletta li lagħab kontra St. George's (1-1) – 06.11.1949



**04-12-1949:**
**Hibernians FC – St.George's FC 2-0**
**H.T 1-0**
Ref: Peter Craigmyle
Skurjaw: Ċ. Friggieri (H) 26' u J. Coreschi (H) 69'.

**Hibernians FC:** Johnnie 'Skipper' Formosa, Edwin 'Dwinu' Schembri, Victor Portelli, John Gatt, Victor Formosa, Lonzu Azzopardi, Fredu Church, Joe Gatt, Ċensu 'Iż-Żibġa' Friggieri, Joe Vella, John Coreschi.

**St.George's FC:** Jimmy Pearson, Leli 'Balel' Busuttil, Ġuzi Cachia, Ġużeppi 'Harrubu' Zarb, Salvu 'Belsen' Caruana, Ġużi 'L-Iswed' Mallia II, Oscar Bartolo, Albert Izzo, Nenu Bonavia, Salvu Romolo, John Cachia.

1. Ċensu Friggieri rritorna u skorja ma' Hibernians wara li l-MFA naqqsitlu s-sospensjoni li kien weħel fuq l-inċidenti ta' wara l-partita bejn Hibernians u Floriana tal-istaġun ta' qabel.

2. John Gatt ta' Hibernians FC kien akkwistat mingħand Msida Wolves fis-sajf.

**Klassifika:** Floriana FC 10 pti.; Sliema Wanderers. FC 7 pti.; Hamrun Sp. 6 pti.; Valletta FC u Hibernians FC 5 pts.; St.George's FC 4 pti.; St.Andrew's 2 pti.; Birkirkara Utd 1 pt.

**L-Awa Skorers:** T. Nicholl (Sliema Wanderers. FC) 8 goals; Ġ. Vassallo (Valletta FC) 5 goals; P. Demanuele, Harold Herbert u C. Azzopardi (kollha Floriana FC) 4 goals.

## Is-Sitt Ġurnata

**10-12-1949:**
**Birkirkara Utd. – Hibernians FC 0-0**
Ref: Peter Craigmyle

**Birkirkara Utd.:** Charles Degiorgio, Ġenju Pace, J. Camilleri, Herman Borg, Ġużi Grech, Alfred Lanzon, Joe Cassar, Ġużi Cuschieri, Anthony Mousù, Ġużi Pace, Ġużi Pisani.

**Hibernians FC:** Johnnie 'Skipper' Formosa, Edwin 'Dwinu' Schembri, Victor Portelli, John Gatt, Victor Formosa, Lonzu Azzopardi, Ġuzi Pirotta, Joe Gatt, John Coreschi, Joe Vella, Fredu Church.

**11-12-1949**
**Hamrun S. – Valletta FC 3-0**
**H.T 1-0**
Ref: Peter Craigmyle.
Skurjaw: O. Gatt (HS) 44 u 47' u o.g L. Curmi (HS) 49'.

**Hamrun Sp.:** Kelinu Aquilina, Salvu Azzopardi, Fredu Preca, Ġuzi Bennetti, Frans 'Tirjule' Borg, Toni 'Rumba' Dimech, Leli 'Ta'Giorgia' Agius, Ġużi 'San ġużepp' Buttigieg, Oscar Gatt, Romeo Vassallo, Żużu 'Qomos' Sciberras.

**Valletta FC:** John Testa, J. Muscat, Ġuzi 'Dudu' Mallia I, Victor Bonello, Leli 'Goway' Curmi, Nenu 'Rubinu' Zammit, Pawlu Vassallo, Dr. George Degiorgio, Ċensu Muscat, Leli 'Qali' Attard, Leli 'Pesa' Pace.

1. Sitwazzjoni ta' emerġenza bejn il-lasti ta' Valletta FC meta Wenzu Gabarretta kien imweġġa' u r-riserva tiegħu Camilleri rrifjuta li jilgħab. Minflok lagħab John Testa.

2. Kelinu Aquilina, il-goalkeeper ta' l-Ispartans, fis-67 minuta salva l-penalty u r-rebound ta' Leli Pace 'Il-Pesa'.

**17-12-1949:**
**Sliema Wanderers – Floriana 2-1**
**H.T 2-0**
Ref: Peter Craigmyle
Skurjaw: N. Calleja (S) 3', T. Nicholl (S) 14' u P. Demanuele (F)

**Sliema Wanderers:** Lolly Rizzo, Lieut. Sonny Borg Cardona, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Gejtu 'Gaga' Sacco, Eddie Cole, Joe Azzopardi, Ġużi 'Labre' Camilleri, Ninu Calleja, Tony Nicholl, Jimmy McCormick, Dr. Maurice Decesare.

**Floriana FC:** Ġużi Alamango, Lolly Debattista, Leli Zammit, Joe 'Tichy' Grech, Tony Dalli, Tony Vella, Charlie 'Grioss' Azzopardi, Benny Camilleri, Harold Herbert, Lolly Borg, Pullu 'Koku' Demanuele.



It-tim ta' St. George's li lagħab kontra Sliema Wanderers (2-2) – 12.11.1949




Tony Nicholl jiftaħ l-iskor għal Sliema Wanderers kontra St. George's (2-2) – 12.11.1949

**18-12-1949:**
**St.George's FC – St.Andrew's FC 7-3**
**H.T 1-1**
Ref: William (Billy) Mock
Skurjaw: J. Bonnici (St. And.), N. Bonavia (St. Geo) 44' u 54', N. Bonavia (St. Geo), N. Bonavia (St. Geo), S. Romolo (St. Geo) pen., S. Romolo (St. Geo), P. Zarb (St. And.), F. Scifo (St. And.) 78' u N. Bonavia (St. Geo).

**St.George's FC:** Jimmy Pearson, Ġużi Cachia, Frans Purkiss, Ġużeppi 'Ħarrubu' Zarb, Albert Izzo, Ġużi 'L-Iswed' Mallia II, Oscar Bartolo, Nenu 'Beċċun' Mizzi, Nenu Bonavia, Salvu Romolo, Leli 'Scotch' Cauchi.

**St.Andrew's FC:** Salvu Spiteri, Salvu Mejlaq, Piju Camilleri, Mercieca, Emmanuel Portelli, Pullu Zarb, C. Scicluna, Ġużi Formosa, Gejtu 'Ħaċċa' Psaila, Frans Scifo, Joe Bonnici.

1. Ftit qabel it-tisfira finali Frans Scifo ta' St.Andrew's FC falla penalty meta l-goalkeeper Pearson salva t-tentattiv tiegħu.

**Klassifika:** Floriana FC 10 pti.; Sliema Wanderers 9 pti.; Hamrun Sp. 8 pti.; Hibernians FC u St.George's FC 6 pti.; Valletta FC 5 pti; Birkirkara Utd. u St.Andrew's FC 2 pti.

**L-Aqwa Skorers:** T. Nicholl (Sliema Wanderers FC) 9 goals, N. Bonavia (St.George's FC) 7 goals; Ġ. Vassallo (Valletta FC) u P. Demanuele (Floriana FC) 5 goals.

## Is-Seba' Ġurnata

**14-01-1950:**
**Hamrun S. – St.George's FC 5-2**
**H.T 1-1**
Skurjaw: R. Vassallo (HS) 10', L. Stivala (St. Geo) 28', O. Gatt (HS) 46' u 53', R. Vassallo (HS), S. Romolo (St. Geo) u O. Gatt (HS).

**Hamrun S.:** Sultana, Salvu Azzopardi, Fredu Preca, Ġużi Bennetti, Joe Zammit, Toni 'Rumba' Dimech, Leli 'Ta' Giorgia' Agius, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Oscar Gatt, Romeo Vassallo, Horace Herbert.

**St.George's FC:** Jimmy Pearson, Ġużi Bonavia, Peppi Flask, Ġużeppi 'Ħarrubu' Zarb, Salvu 'Ta' Belsen' Caruana, Ġużi 'L-Iswed' Mallia II, Oscar Bartolo, Libreri, Leli Stivala, Albert Izzo, Salvu Romolo.

1. Hamrun Spartans kellhom goalkeeper ġdid, Sultana, li ħa post Kelinu Aquilina 'Il-Boqqa' wara li dan kien weġġa' fil-partita tat-Tourney tal-Milied kontra Red Star

**15-01-1950:**
**Floriana FC – Birkirkara Utd. 6-0**
**H.T 2-0**
Skurjaw: P. Demanuele (F) 20' u 35', J. Alamango (F) 55', B. Camilleri (F) 78', L. Borg (F) 81' u J. Alamango pen. (F).

**Floriana FC:** Ġużi Alamango, Lolly Debattista, Leli Zammit, Joe 'Tichy' Grech, Tony Dalli, Victor Farrugia, Johnnie Alamango, Benny Camilleri, Harold Herbert, Lolly Borg, Pullu 'Koku' Demanuele.

**Birkirkara Utd.:** Mifsud, Eugenio Pace, Anthony Bonnett, Ġużi Cuschieri, Ġużi Grech, Alfred Lanzon, Joe Pace, Robert Powell, Herman Borg, J. Camilleri, Ugo Bruno.




**21-01-1950:**
**Valletta FC – St.Andrew's 5-0**
**H.T 1-0**
Skurjaw: P. Vassallo (V) 13', L. Pace (V) 52', S. Schembri (V) 66', Ġ. Vassallo (V) u L. Attard (V) 89'.

**Valletta FC:** Wenzu Gabarretta, J. Muscat, Ġużi 'Dudu' Mallia I, Dr. George Degiorgio, Emmanuel 'Budgy' Dowling, Nenu 'Rubinu' Zammit, Pawlu Vassallo, Ġużi Vassallo, Salvinu Schembri, Leli 'Qali' Attard, Leli 'Pesa' Pace.

**St.Andrew's FC:** Salvu Spiteri, Salvu Mejlaq, Ġamri Briffa, Emmanuel Portelli, Frans Scifo, C.

Hibernians jappellaw għal penalty meta meta Freddie Church jiġi mwaqqa minn Borg Cardona ta' Sliema Wanderers - 22-01.1950. Il-Wanderers rebħu 4-0.

Scicluna, Joe Camilleri, Ġużi Formosa, Pullu Zarb, Gejtu 'Ħaċċa' Psaila, Joe Bonnici.

1. Salvinu Schembri rritorna ma' Valletta FC. Huwa kien ilu nieqes mill-ewwel tim Belti mill-istaġun ta' qabel wara li kellu xi kwistjonijiet mal-klabb għaliex talabhom li jsieħeb lil Sliema Wanderers.

2. Plejer ieħor li rritorna fit-tim Belti kien Emmanuel 'Budgy' Dowling. Fl-istaġun ta' qabel Dowling kien lagħab ma' Melita FC.

**22-01-1950:**
**Sliema Wanderers – Hibernians FC 4-0**
**H.T 2-0**
Ref: C.P.O Trevor F. Hewinson (HMS Forth)
Skurjaw: T. Nicholl (S) 1' u 9', J. McCormick (S) 60 u 89'.

**Sliema Wanderers FC:** Lolly Rizzo, Lieut. Sonny Borg Cardona, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Gejtu 'Gaga' Sacco, Eddie Cole, Joe Azzopardi, Ġużi 'Labre' Camilleri, Ninu Calleja, Tony Nicholl, Jimmy McCormick, Dr. Maurice Decesare.

**Hibernians FC:** Johnnie 'Skipper' Formosa, Edwin 'Dwimu' Schembri, John Gatt, Victor Formosa, C. Sammut, Ġużi Pirotta, Joe Gatt, Ċensu 'Iż-Żibġa' Friggieri, Fredu Church, John Coreschi.

1. Fil-75 minuta, tkeċċa l-goalkeeper Formosa wara li xejjer bis-sieq lill-attakkant Slimiż Ninu Calleja. Postu bejn il-lasti ħadu Fredu Church. Ftit wara xi partitarji tal-Wanderers kienu ser jaqbżu fil-ground wara daħla goffa ta' John Gatt fuq it-Tabib Decesare. Formosa aktar tard kien ġie sospiż żewġ logħbiet.

**Klassifika:** Floriana FC 12-il pt.; Sliema Wanderers. FC 11-il pt.; Hamrun Sp. 10 pti.ġ Valletta FC 7 pti.; Hibernians FC u St.George's FC 6 pti.; Birkirkara Utd. u St. Andrew's FC2 pti.

**L-Aqwa Skorers:** T. Nicholl (Sliema Wanderers. FC) 11-il goal; N. Bonavia (St. George's FC) u P. Demanuele (Floriana FC) 7 goals u G. Vassallo (Valletta FC) 6 goals.

L-emigrazzjoni laqtet anke l-klassi tar-referees meta, fil-31 ta' Marzu, 1950, ir-referee Salvu Pirotta ħalla Malta u emigra lejn l-Amerika abbord l-S.S Italia. Is-Sur Pirotta kien ilu erba' snin referee u kien diġà laħaq referee tat-Tieni Klassi. Huwa kellu ħsieb li jkompli bil-karriera ta' referee ġewwa Detroit Michigan.

Matul dan il-kampjonat kienu ftit dawk il-penalties li ġew skurjati. Fil-fatt minn total ta' 28 penalty li ingħataw kienu skurjati biss disa'. St. Andrew's FC ta' Ħal Luqa kien l-aktar li falla penalties meta minn ħames penalties favur tagħhom fallewhom kollha filwaqt li l-Wanderers ma kienux wisq 'il bogħod meta fallew erba' mis-sitt penalties li ingħataw tul il-kampjonat.

Il-players Peppi Flask u F. Degiorgio ta' St. George's kienu ġew sospiżi sa Diċembru, 1950, meta kienu misjuba ħatja li attakkaw lil linesman waqt il-partita tat-Tielet Diviżjoni Knock-Out kontra Sliema Wanderers.

Tħabbret il-mewt tal-goalkeeper żagħżugħ ta' 17-il sena, Anthony Aquilina, li kien il-goalkeeper tal-Minors ta' Valletta FC. Aquilina, li kien beda l-karriera tiegħu ma' Valletta Vanguards, miet wara marda qasira.

L-attakkant ta' Floriana, Harold Herbert, fil-5 ta' Ġunju, 1950, irritorna lejn l-Ingilterra wara ftit aktar minn sena fostna. Matul dan il-perjodu l-player kien ħalla mpressjona tajba u kien wieħed mill-protagonisti fit-tim Furjaniż. Matul iż-żmien tiegħu f'Malta Herbert rebaħ darbtejn l-FA Trophy, darba l-kampjonat u darba l-Cassar Cup.

**Id-difiża ta' Sliema Wanderers tipprova tikklerja l-periklu minn attakkat ta' Hibernians - 22.01.1950 – liema logħba li l-Wanderers rebħu 4-0.**

